MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 1859/2003

**AMC Marketing Limited**

**Vs**

**The Food House Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm1163.37 (elf mija tlieta u sittin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas is-somma ta' elf mija tlieta u sittin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1163.37) rapprezentanti labels, juble trays u boroz tal-packing gew ikkonsenjati u mibjugha lilek mis-socjeta` attrici.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dovuti ta’ l-ittri legali datati 27 ta’ Gunju 2003 u 17 ta’ Lulju, 2003.

Rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi, minghajr pregudizzju, il-merkanzija in kwistjoni ma gietx ikkonsenjata u/jew giet ikkonsenjata biss wara dewmien inaccettabli b’mod li, allura, l-iskop kollu wara x-xiri tal-merkanzija in kwistjoni min-naha tas-socjeta` konvenuta spicca ghal kollox u/jew l-istess merkanzija ma baqghatx aktar utili ghalek kif ser jirrizulta waqt l-andament tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju, parti integrali tal-merkanzija in kwistjoni sabiex din tkun tista tigi uzata (li jissejhu ‘cluches’) ma gietx ikkonsenjata u/jew giet ikkonsenjata biss wara dewmien inaccettabli b’mod li, allura, is-socjeta` attrici m’onoratx l-obbligi kuntrattwali taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-ammont mitlub huwa esagerat ghal kollox kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra n-noti rispettivi ta’ sottomissjonijiet.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba ghal hlas ta’ pagament ta’ somma flus dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghal servizzi ta’ *printing lables* u provvisti ohra lilha mibjugha u konsenjati fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta qed tallega inadempjiment da parti ta' l-istess socjeta` attrici fil-provvista tal-konsenja ta' l-istess u ghalhekk mhux tenuta thallas.

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta nkarigat lis-socjeta` attrici biex taghmel xi xoghol pero' l-istess socjeta` konvenuta tallega illi s-socjeta` attrici naqset li tissuplixxi fiz-zmien stipulat u allura hija sofriet danni.
Anzi, fin-nota ta' sottomissjonijiet minnha prezentata a Fol 67 u 69 tal-process l-istess socjeta` konveuta talbet ir-rexissjoni ta' l-istess kuntratt bejn il-partijiet. Jigi rilevat illi dan it-Tribunal jikkonsidera biss talbiet ghal hlas ta' flus u mhux materji ohra, jigifieri ma jistax jiddikjara xi kuntratt null u/jew jikkonsidera l-eccezzjoni tieghu. Tali pretensjoni ma setghetx tinghata per via eccezzjonali izda kellha ssir kawza ad hoc ghas-socjeta` konvenuta biex jittanta twaqqaf in-negozju bejn il-partijiet.

Illi jekk wiehed jikkonsidera x-xhieda moghtija mir-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet, ghandhu jirrizulta li filwaqt li x-xhieda moghtija minn Victor Zammit kienet di scientia propria, dik moghtija f'isem is-socjeta` konvenuta hija fi produzzjoni ta' dikjarazzjoni moghtija minn certu Alfred Triganza. In oltre ma giet prodotta l-ebda prova mis-socjeta` konvenuta illi l-istess socjeta` attrici ma ghamlitx il-konsenja li jmiss, lilha ordnati f'perjodu ristrett taz-zmien u/jew li l-istess socjeta` konvenuta naqset li taccetta l-istess materja lilha provduta minhabba tali ragun. Tul il-kors tal-konsenja ma saret l-ebda protesta mill-istess socjeta` konvenuta anzi qatt ma rrifjutat l-konsenja u/jew ghamlet depozitu taht l-Awtorita tal-Qorti tal-Magistrati xi materjal lilha konsenjat. Jigi ribadit illi una volta hija accettat il-materjal lilha provdut fuq inkarigu taghha u ma rregistrat l-ebda rizerva jew protesta biex ma taccettax l-istess materjal, issa ma tistax f'dan l-istadju tirrifjuta li thallas. F'dan is-sens ma saret l-ebda kontro talba sabiex jigu pruvati illi bin-nuqqas ta' adezjoni mis-socjeta` attrici li tissuplixxi allegatament hija sofriet danni.

Jiddeciedi ghalhekk billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-

socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sittax il-lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm116.37), bilanc ta' somma akbar dovuta mill-istess socjeta` konvenuta, bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------